# IR-RIĠENERAZZJONI (TIĠDID) – STUDJU TA' MATTEW 19:28

<u>Mattew 19:28</u> – "*U qalilhom Ġesù: Tassew ngħidilkom: Intom li ġejtu warajja, fit-tiġdid tad-dinja, meta bin il-bniedem joqgħod fuq it-tron tal-glorja tiegħu, intom ukoll toqogħdu fuq tnax-il tron, u tagħmlu ħaqq mit-tnax-il tribù ta' Iżrael.*"

Ma hemm ebda kontroversja dwar it-tifsira ta' dan il-passaġġ importanti. Attwalment x'jgħallem dan?

## Il-Kuntest

Il-kuntest ta' dan il-passaġġ huwa mqiegħed fil-jiem li bdew jonqsu tal-ministeru ta' Ġesù—fis-sitt xhur ta' l-aħħar. Il-Mulej kien ħalla l-Galilija u kien sejjer lejn Ġerusalem u l-appuntament Tiegħu fil-Kalvarju. Matul it-triq Hu ta xi tagħlim "iebes" mhux ħażin, eżempju, il-ħtiġijiet tas-saltna li kienet fil-qrib dwar id-divorzju u żwieġ mill-ġdid (Mattew 19:3-12). Kristu kien għamel talbiet fuq il-mexxej żagħżugħ għani li ħawwad xi ftit lil l-appostli (Mattew 19:16-26). Pietru ftaħar li huma kienu ħallew kollox biex jimxu wara s-Sid, u hu ried li jkun jaf xi premju kien se jakkumpanja dak is-sagrifiċċju (Mattew 19:27).

Kristu wieġeb f'żewġ modi. L-ewwel, ikun hemm premju aktar immedjat għal l-appostli personalment (Mattew 19:28); imbagħad ikun hemm il-wegħda aktar komprensiva li tinkludi lil "kull min" iċedi għal l-awotrità Tiegħu (ta' Ġesù), jiġifieri, sagrifiċċju "minħabba l-isem Tiegħu" (Mattew 19:29-30).

Dwar Mattew 19:28, it-test tagħna, hemm tliet veduti maġġuri li huma miżmuma dwar it-tifsira tiegħu.

## Il-Veduta Premillennjali

Il-Premillennjali (minn "pre," qabel, u "millennju," 1,000) tara dan it-test bħala li għandu x'jaqsam mar-ritorn allegat ta' Kristu biex iwaqqaf saltna fuq l-art li fuqha Hu jsaltan minn Ġerusalem ma' l-appostli Tiegħu bħala aġenti speċjali ta' awtorità (ara Scofield, p. 1026). Dan ir-reġim huwa maħsub li jkompli għal 1,000 sena letterali.

Louis Barbieri, millennjalist affiljat mad-Dallas Theological Seminary, jikteb:

"Għalkemm in-nazzjon [ta' Iżrael] kien f'dak iż-żmien qiegħed jirriġetta l-offerta Tiegħu tas-saltna, is-saltna għandha tiġi, bil-għamil estensiv tagħha tal-ħwejjeġ spiritwali (Isaija 2:3; 4:2-4; 11:9b), politiċi (Isaija 2:4; 11:1-5, 10-11; 32:16-18), u ġeografiċi u fiżiċi (Isaija 2:2; 4:5-6; 11:6-9; 35:1-2). Kristu **mbagħad** [enfasi tiegħi] joqgħod fuq it-tron glorjuż Tiegħu (Mattew 25:31-46; Rivelazzjoni 22:1)" (p. 65).

Ma hemm lanqas test wieħed biss fil-kwotazzjoni ta' fuq li għandu x'jaqsam ma' żmien ta' wara dak Kristjan, **ħakma leterali ta' Kristu fuq l-art għall-millennju.** Huwa tabilħaqq inkredibbli li passaġġ bħal Isaija 11:1-5 ikun hekk applikat, meta l-appostlu ispirat jagħtih applikazzjoni ta' l-epoka Kristjana (Rumani 15:12-13). U l-qawwa profetika ta' Isaija 35:5-6 hija adattata minn Ġesù għall-ministeru Tiegħu fuq l-art (ara Mattew 11:5), u mhux għal xi reġim tad-dinja li jiġi wara t-Tieni Miġja Tiegħu.

## Danjel 7:13-14 / Mattew 19:28

Hemm punt ieħor li jistħoqqlu konsiderazzjoni serja f'din il-konnessjoni. Ħafna skulari raw parallel bejn it-tixbih ta' "Bin il-bniedem" fit-test ta' Mattew, u l-fatt imqiegħed 'il quddiem f'Danjel 7:13-14 (ara, għal eżempju, Blomberg, p. 301). Il-paralleliżmu jissuġġerixxi li l-istess ġrajja hija kkonsidrata fiż-żewġ testi. Jekk dak huwa l-każ, allura l-passaġġ ta' Mattew ma jistax jirreferi għall-ġrajja li għandha x'taqsam mar-**ritorn** ta' Kristu, għaliex ix-xena fid-dokument ta' Danjel turi l-glorja assoċjata ma' **l-avviċinar ta' Kristu lejn is-smewwiet**, għalhekk, hija riferenza għall-ħakma ta' Ġesù li bdiet wara t-tlugħ Tiegħu lura fis-smewwiet (Atti 2:30-36). Ara MacKnight (p. 334).

L-iskema kollha kemm hi premillennjali hija mingħajr sustanza Biblika, u dak jelimina għalkollox Mattew 19:28 minn dik ix-xena.

## Il-Konċett tal-Premju tas-Smewwiet

Xi skulari jaraw Mattew 19:28 bħala wegħda, imsaħħa bis-simboliżmu, ta' l-unur speċjali li għandu jkun imsawwab fuq l-appostli fl-ordni finali tal-ħwejjeġ tas-smewwiet. Mhux ta' spiss, il-ħsieb ta' "art irrinovata" huwa inkorporat f'dan il-konċett. Lenski, per eżempju, jippreżenta din il-fehma. Hu jgħid li "tiġdid" isib it-twettiq tiegħu "meta Bin il-bniedem għandu jpoġġi lilu nnifsu fuq it-tron tal-glorja tiegħu,' jiġifieri li jkun jidher quddiem id-dinja kollha, li Hu jagħmel dan fil-jum il-kbir tal-ġudizzju. Dan 'it-tiġdid' għalhekk jirreferi għat-tiġdid tad-dinja." (p. 759; ara wkoll Foster, pp. 1028-1029).

Għalkemm jiena ma naqlibx lejn din il-fehma, ma nikkonsidrahiex bħala li hija ta' xi periklu konsiderevoli, jekk hija ma targumentax għal rinovazzjoni **letterali** tad-dinja materjali (li, sfortunatament, ħafna hekk jagħmlu), pożizzjoni li hija kuntrarja għax-xhieda ċara ta' Mattew 24:35; 2 Pietru 3; u Rivelazzjoni 21:1.

## L-Epoka Preżenti Messjanika

It-tielet idea hija li "t-tiġdid" [r-riġenerazzjoni]" ta' Mattew 19:28 tirreferi għal l-epoka Kristjana li bdiet fil-jum ta' Pentekoste.

Il-kelma "riġenerazzjoni" jew "tiġdid" ((*palingenesia,* minn *palin,* "mill-ġdid," u *genesis,* "twelid") tinsab biss darbtejn fit-Testment il-Ġdid

(Mattew 19:28 u Titu 3:5). Fit-test ta' Titu 3:5, it-terminu huwa applikat f'sens spiritwali—dwar il-proċess tal-konverżjoni (magħmul komplut fil-magħmudija) li permezz tiegħu wieħed isir "ħolqien ġdid" fi Kristu. (Rumani 6:3-5). Għaliex wieħed għandu jassumi li dan jieħu f'sens materjali fir-rakkont ta' Mattew, mingħajr xhieda suffiċjenti għal dik il-konklużjoni, huwa b'xi mod li jħawwad. Ġeneralment, riferenzi minn Philo u ċerti sekularisti Griegi huma wżati biex jimbuttaw l-idea li tiġdid tal-"kosmu" huwa l-enfasi ta' Mattew 19:28. Imma għaliex dawn il-kittieba għandhom iġorru aktar piż mix-xhieda tat-Testment il-Ġdid innifsu? Il-fatt huwa, l-interpretazzjoni "eskatoloġika" kienet importata fit-test minħabba ċerti suppożizzjonijiet minn qabel teoloġiċi. F'dar-rigward, saħansitra xi lessikografiċi kienu saru kummentaturi.

**Il-Konnessjoni Mattew 19:28 / Atti 3:21**

Skulari spiss juru li *palingenesia* tappartieni "għal l-istess għalqa konċettwali" bħal espressjonijiet bħall-"persuna ġdida," "ħolqien ġdid," u "restawrazzjoni" – f'Atti 3:21 (Balz & Schneider, p. 8). Dan huwa punt importanti. Ħafna skulari jidentifikaw speċifikament Mattew 19:28 u Atti 3:21 bħala li jappartienu għal l-istess żmien/ġrajja.

F'Atti 3:20-21 Pietru jgħid li Alla se "jibagħtilkom il-Messija li għażlilkom, li hu Ġesù, li għandu jibqa' fis-sema sa ma jseħħ it-tiġdid tal-ħwejjeġ kollha li fl-imgħoddi semma Alla b'fomm il-profeti qaddisa kollha tiegħu." Huwa ġeneralment fi qbil li "t-tiġdid" ta' Mattew 19:28, u "t-tiġdid" ta' Atti 3:21, jirrappreżentaw l-istess ħaġa.

Dwar dan it-test, jiena sejjer nikkwota mill-kummentarju ta' Wayne Jackson ta' Atti, p. 40, fejn jikkummenta:

"Vers 20 jindika li Kristu kien "appuntament" divin fil-pjan ta' Alla, u għalkemm il-Mulej qiegħed issa fis-smewwiet, il-Missier se jerġa' "jibgħat" lil Ġesù lura (allużjoni għat-tieni miġja). Għall-preżent, iżda, is-smewwiet "għandha żżomm' (McCord) lill-Mulej sa ma 'jseħħ it-tiġdid tal-ħwejjeġ kollha.' Jew, kif verżjoni oħra tgħid: 'Hu għandu jibqa' fis-smewwiet sa ma ż-żmien jiġi. . .' (NIV). X'inhu 't-tiġdid tal-ħwejjeġ kollha'? Dan mhuwiex salvazzjoni universali (Mattew 7:13-14), lanqas it-tiġdid ta' Iżrael nazzjonali 'għal l-istatus iddestinat tiegħu' f'ħakma millennjali fuq l-art ta' Kristu. Pjuttost, huwa t-twettiq ta' l-iskop ta' Alla f'li jagħmel attentat biex jitlob lura mill-ġdid l-umanità li qed taqa', kif issa huwa implimentat fl-epoka ta' l-Evanġelju, it-tmiem li tiegħu jiġri meta Kristu jerġa' jiġi. Hawn għandna żewġ punti kruċjali mill-kuntest innifsu. (1) Fil-kronoloġija tal-passaġġ, it-tieni miġja ta' Kristu tiġri wara 't-tiġdid,' mhux qablu (kif igħid l-premillennjaliżmu). (2) L-appostlu speċifikament iqabbel 'it-tiġdid tal-ħwejjeġ kollha' (v. 21), ma' 'dawn il-

jiem,' jiġifieri, l-epoka Kristjana (v. 24). Innota l-frażjoloġija (l-għażla tal-kliem):

- Il-profeti tkellmu dwar it-tiġdid tal-ħwejjeġ kollha (v. 21)
- Il-profeti tkelllmu dwar dawn il-jiem (24)

Il-paralleliżmu huwa ovvju ħafna biex wieħed ma jaraħx. Ukoll il-millennjalisti jikkonċiedu li 'dawn il-jiem' ta' vers 24 hija 'l-Epoka Messjanika' (Toussaint, 362)."

Dwar dan "it-tiġdid," J.A. Alexander kiteb:
"Sakemm dan iċ-ċiklu kbir kiseb ir-rivoluzzjoni tiegħu, u dan il-proċess rimedjali kbir kiseb il-ħsieb tiegħu, il-ġisem igglorifikat ta' Kristu rxoxtat u li tala' fis-sema mhux biss jista' imma għandu, bħala mezz appuntat ta' dak it-twettiq, ikun residenti fis-smewwiet, u mhux fuq l-art" (p. 118).

**It-Tron tal- Glorja**

Il-motiv għal li tassoċja l-perjodu tat-"tiġdid" f'Mattew 19:28 mat-Tieni Miġja, kif jagħmlu ħafna, jidher li hu kawża tal-konnessjoni bejn "tiġdid" u "t-tron tal-glorja tiegħu," li, aktar wara f'Mattew 25:31, huwa identifikat mar-ritorn tal-Mulej. Imma kif kull student serju tal-Bibbja jaf, kliem jista' jkun applikat f'sensi differenti f'diversi kuntesti. Per eżempju, bosta drabi fil-Vanġelu ta' Mattew il-kelma "saltna" hija wżata dwar il-knisja (Mattew 16:18-19), madankollu f'Mattew 25:34, "saltna" tirreferi għal dak il-qasam irjali li għandu "jintiret" fil-waqt tar-ritorn tas-Salvatur.

Il-fatt huwa, id-dħul ta' Kristu fil-"glorja" Tiegħu, u li Hu qiegħed fuq "it-tron," huma wżati b'mod sinonimu mal-bidu tal-ħakma Tiegħu f'Pentekoste (ara Luqa 24:26; Mattew 20:21; Mark 10:37; ara wkoll: Atti 2:30-36; Filippin 3:21; 1 Timotju 3:16; Lhud 1:3; 2:7; 1 Pietru 1:21).

J.W. McGarvey osserva:
"[Kristu] poġġa fuq dak it-tron meta tala' fuq fis-smewwiet, u Hu jkun bilqiegħda fuqu fil-jum tal-ħaqq. . . 'It-tiġdid' mela, huwa kontemporanju ma' dan il-perjodu, u għalhekk dan għandu jkun dak il-proċess li jġedded nies li beda fil-Pentekoste wara t-tlugħ fis-sema. . ." (p. 170).

F.F. Bruce qal lit-"tiġdid" kien "inawgurat bil-mewt u l-qawmien ta' Ġesù" u li dan kien l-istess bħal "knisja" ta' Mattew 16:18, "li fiha" Hu jgħid, "l-appostli jeżerċitaw l-awtorità mwiegħda f'kapitli 16:19 u 18:18 (p. 71).

**Troni ta' Awtorità**

Ir-riferenza għal l-appostli bilqiegħda fuq "troni" jiġġudikaw it-tribujiet ta' "Iżrael" għandha tkun riferenza għal l-awtorità ta' dawn l-irġiel, kif imħollija minn Kristu, u implimentata bit-tagħllim sussegwenti tagħhom

fil-knisja (l-Iżrael ta' Alla l-ġdid - Galatin 6:16) u kif murija fil-kitba sagra li baqgħet awtorevoli llum. Kif Coffman wera:
"Din ma kinetx riferenza għal troni letterali imma għal gtroni spiritwali ta' eminenza u awtorità fis-saltna ta' Kristu, li minnha huma jeżerċitaw influwenza, mhux fuq Iżrael skond il-ġisem imma fuq Iżrael spiritwali li huwa l-knisja (Rumani 9:6; Galatin 3:29)" (pp. 298-299).

Aħna nemmnu li dan il-konċett finali huwa interpretazzjoni leġittma ħafna ta' Mattew 19:28, għalkemm waħda li tidher li kienet maqbuża, jew mhux meqjusa, minn bosta kummentaturi moderni.

**Sorsi**


Alexander, J.A. (1956 Reprint), *Commentary on the Acts of the Apostles* (Grand Rapids: Zondervan).

Balz, Horst and Schneider, Gerhard (1993), *Exegetical Dictionary of the New Testament* (Grand Rapids: Eerdmans), Vol. 3.

Barbieri, Louis A., Jr. (1983), "Matthew," *The Bible Knowledge Commentary – New Testament,* Wavoord & Zuck, eds. (Wheaton, IL: Victor Books).

Blomberg, Craig (1992), "Matthew," *The New American Commentary* (Nashville: Broadman).

Bruce, F.F. (1973), *Daily Devotional Bible Commentary,* Arthur Cundall, ed. (Nashville: A.J. Holman Co.).

Coffman, Burton (1968), *Commentary on the Gospel of Matthew* (Austin, TX: Firm Foundation).

Foster, R.C. (1971), *Studies in the Life of Christ* (Grand Rapids: Baker).

Jackson, Wayne (2005 Edition), *The Acts of the Apostles – From Jerusalem to Rome* (Stockton, CA: **"Courier Publications"**).

Lenski, R.C.H. (1943), *The Interpretation of St. Matthew's Gospel* (Minneapolis: Augsburg).

MacKnight, James (1994 Reprint), *Harmony of the Four Gospels* (Indianapolis: Faith & Facts Press), Vol. 2.

McGarvey, J.W. (1875), *Matthew and Mark* (Des Moines, IA: Eugene Smith Reprint).

Scofield, C.I. (1909), *Scofield Reference Bible* (New York: Oxford University Press).

Toussaint, Stanley (1983), "Acts," *The Bible Knowledge Commentary – New Testament,* Walvoord & Zuck, eds. (Wheaton, IL: Victor Books).

Vine, W.E. (1991), *Amplified Expository Dictionary of New Testament Words* (Iowa Falls: World Publishing).

---

© 1998 - 2005 by Christian Courier Publications.
Awtur: Wayne Jackson. Maqlub għall-Malti minn George Ebejer